MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 725/2007

Carmel u Georgia, konjugi Mifsud ghal binthom minuri
Ana-Maria Adelina Josephine Philippa Mifsud
vs
Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Carmel u Georgia Mifsud li bih esponew:

Illi huma l-genituri adottivi tal-bint minuri bl-isema Ana-Maria Adelina Josephine Philippa Mifsud, imwielda Pascani fir-Rumanija fl-4 ta’ Frar, 1991, kif jirrizulta mill-Att ta’ Adozzjoni anness mar-rikors bin-numru ta’ registrazzjoni ‘874’ tat-12 ta’ Novembru, 1992 (Dok A) u fis-sussegwenti Estratt (Dok B);

Illi dawn l-ismijiet kollha jinsabu mnizzla wkoll fil-karta ta’ identita` numru 0612591 (M) tal-minuri (Dok C);

Illi t-tifla kienet originarjament irregistrata fir-Rumanija bl-isem ta’ ‘Ana-Maria’ kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid (Dok D) mahrug u aggjornat fil-pajjiz ta’ origini in segwitu ghall-adozzjoni approvata mill-Qrati ta’ dak il-pajjiz, liema isem kien konfermat fic-Certifikat tal-Maghmudija li saret fit-22 ta’ Settembru 1991 (Dok E);

Illi t-tliet ismijiet li jsegwu l-isem ‘Ana-Maria’ u cioe` ‘…Adelina Josephine Philippa’ gew mizjuda fl-Att ta’ Adozzjoni premess (Dok A), in segwitu ghat-talba tar-rikorrenti stess fir-rikors ghall-adozzjoni fis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, motivati principalment mill-fatt li dawn it-tliet ismijiet kienu dawk moghtija mill-parrinniet;

Illi fil-fatt pero` sa mill-bidu nett li t-tifla ngiebet Malta bhala tarbija bl-isem ‘Ana-Maria’, fil-familja taghha dejjem giet imsejha bl-isem sinonimu ferm ta’ ‘ANN-MARIE’, li t-tifla stess baqghet konsistentement tuza tul it-tfulija taghha u kif kienet ukoll u ghadha maghrufa u msejha sal-lum minn kull min jafha.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara, a tenur ta’ l-artikoli 253:2 u 269:3 tal-Kodici Civili, illi l-isem ‘ANN-MARIE’ huwa l-isem li bih bint ir-rikorrenti, imwielda fl-4 ta’ Frar, 1991, f’Pascani r-Rumanija, detentrici tal-karta ta’ identita` numru 0612591M, kienet konsistentement imsejha.

2. Tordna konsegwentement illi l-intimat jirregistra, fuq l-Att ta’ Adozzjoni numru ta’ registrazzjoni ‘874’ u bid-data ta’ registrazzjoni 12 ta’ Novembru, 1992 (Dok A anness mar-rikors) fit-tielet kolonna intestata ‘Isem u kunjom tal-persuna adottata’, l-isem ‘ANN-MARIE’ minflok l-ismijiet ‘Ana-Maria Adelina Josephine Philippa’ li ghandhom b’hekk jithassru.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta’ l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li biha espona:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-intimat mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att ta’ l-Adozzjoni u fl-Estratt tar-registrazzjoni ta’ l-Adozzjoni mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti li jirrizulta mill-Att ta’ l-Adozzjoni li l-isem u l-kunjom tal-persuna adottata huwa : ‘Ana-Maria, Adelina, Josephine, Philippa Mifsud’.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant kellu x’jissottometti l-intimat ghas-savju gudizzju ta’ din il-Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur ta’ l-artikolu 254 tal-Kap 16.

Rat illi bil-gurament Carmel u Georgia Mifsud ikkonfermaw il-fatti kollha msemmija inkluz ir-

registrazzjoni tat-tifla fir-Rumanija u li fil-fatt sa mill-bidu nett li t-tifla ngiebet Malta, fil-familja taghha dejjem giet imsejha bl-isem sinonimu ferm ta' 'ANN-MARIE', li t-tifla stess baqghet konsistentement tuza tul it-tfulija taghha u kif kienet ukoll u ghadha maghrufa u msejha sal-lum minn kull min jafha.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi ghalhekk id-dettami tal-ligi gew kollha segwiti kemm riferibbilment ghall-pubblikazzjoni mehtiega mil-ligi kif ukoll ghall-provi bil-gurament.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghaldaqstant tilqa' t-talba attrici u tiddikjara, a tenur ta' l-artikoli 253(2) u 269(3) tal-Kodici Civili, illi l-isem 'ANN-MARIE' huwa l-isem li bih bint ir-rikorrenti, imwielda fl-4 ta' Frar, 1991, f'Pascani r-Rumanija, detentrici tal-karta ta' identita` numru 0612591M, kienet konsistentement imsejha.

Tordna konsegwentement illi l-intimat jirregistra, fuq l-Att ta' Adozzjoni numru ta' registrazzjoni '874' u bid-data ta' registrazzjoni 12 ta' Novembru, 1992 (Dok A anness mar-rikors) fit-tielet kolonna intestata 'Isem u kunjom tal-persuna adottata', l-isem 'ANN-MARIE' minflok l-ismijiet 'Ana-Maria Adelina Josephine Philippa' li ghandhom b'hekk jithassru.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------